A.L. 386 ta' l-2004

ORDINANZA DWAR IR-REGOLAMENT TAT-TRAFFIKU (KAP. 65)

ATT DWAR AWTORITÀ DWAR IT-TRASPORT TA' MALTA (KAP. 332)

Regolamenti ta' l-2004 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur (Emenda Nru. 3)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 54 ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku u bl-artikolu 32 ta' l-Att dwar Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta, il-Ministru għall-Iżvilupp Urban u t-Toroq, wara konsultazzjoni ma' l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2004 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur (Emenda Nru 3), u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1994 dwar il-Vetturi bil-Mutur, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 128 ta' l-1994.

(2) Dawn ir-regolamenti jidħlu fis-seħħ fit-13 ta' Awissu, 2004.

Jemenda r-regolament 130 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fir-regolament 130 tar-regolamenti prinċipali, minnufih wara s-subregolament (6) ta' dan ir-regolament, għandu jiżdied dan is-subregolament ġdid li ġej:

"(7) Ikun reat li persuna tikri lil xi persuna oħra vettura bil-mutur bil-għan li dik il-vettura tiġi misjuqa minn min jikriha jew minn persuna oħra għal kirja fil-qasir, kemm-il darba dik il-vettura bil-mutur ma tkunx reġistrata ma' l-Awtorità bħala vettura bil-mutur *self-drive* u ma jkollhiex fuqha marka ta' reġistrazzjoni fejn l-ittra K tkun it-tielet ittra.

Għall-fini ta' dan is-subregolament, il-kliem "għal kirja fil-qasir" ifissru perijodu li ma jkunx jista' jiġi mġedded u li b'kollox ma jaqbiżx id-disgħin ġurnata.".